MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 2121/2004

**Middlesea Insurance plc (C 5553) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Pisani sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Joseph Pisani (ID 256961M)**

**Vs**

**Ebejer Angele**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Novembru 2004 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenuta thallas is-somma ta' Lm782.75 (seba` mija tnejn u tmenin Lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu) rappresentanti danni sofferti mill-atturi fl-incident awtomobilistiku tat-23 ta' Dicembru 2003 li sehh gewwa l-Fgura.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

L-ammont ta' seba` mija u tnejn u tmenin Lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm782.75) jew somma ohra verjuri rappresentanti danni sofferti mill-atturi fl-incident awtomobilistiku tat-23 ta' Dicembru 2003, f'Zabbar Road, Fgura bejn vettura numru ta' registrazzjoni CAA 502 misjuqa minnek u propjeta` tieghek u vettura numru ta' registrazzjoni CAF 079 misjuqa minn u propjeta` ta' Joseph Pisani, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b'tort unikament tieghek minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghek.

Bl-imghax u bl-ispejjes, inkluz dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment kontra s-socjeta` assikuratrici, kontra l-konvenuta li hija ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. L-incident tat-traffiku in kwistjoni gara unikament bi htija ta' l-atur Joseph Pisani.

2. Ghalhekk fejn jirrigwarda l-eccipjenti ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-atturi. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, l-atturi ghandhom igibu l-prova tad-danni skond il-ligi.

3. Inoltre ma hemmx lok ghall-kundanna tal-eccipjenti ghall-hlas ta' danni favur l-atturi.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mil-ligi. Bir-riserva favur l-eccipjenti ta' kull azzjoni ghal danni li garrbet konsegwenza tal-incident mertu ta' din il-kawza lilha spettanti skond il-ligi kontra l-attur Joseph Pisani (Art 2128, Art 2131 u Art 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

5. Bl-ispejjes kontra l-istess atturi.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi x-xhieda moghtija mill-konvenuta fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2005 a Fol 34 et sek hija lluminanti: rat l-*indicator* tal-vettura attrici mixghul biex jghati ndikazzjoni li kien ser idur ghax-xellug. Ghalkemm il-bidu tat-triq hija kemm xejn wisa', pero` Zabbar Road hija ntiza ghat-traffiku b'ringiela singola fuq kull karreggjata opposti ghal xulxin, b'ringiela mal-bankina ntiza ghall-parkeggjar. It-triq ma hiex intiza biex zewg vetturi joqghodu fejn xulxin. Una volta kellha ndikazzjoni l-vettura ta' quddiemha fejn kienet intenzjonata li sejra, kienet minn dejjem warajha u ma taghta l-ebda ndikazzjoni permezz tal-horn biex turiha li kienet hdejha ghalkemm lura, u ma reditx tmur fl-istess direzzjoni taghha, il-konvenuta ma kellha l-ebda dritt tieqaf fejn waqfet. Hija stess ikkrejat l-ostakolu bil-manuvra li ghamlet u fejn waqfet. L-attur ma seta jaraha bl-ebda mod. Aktar u aktar meta vettura ma kenitx mistennija li tieqaf hemm.

Illi t-Tribunal ma jiskontra xejn fil-konfront tal-operat fis-sewqan tal-attur. Il-versjoni tieghu hija differenti minn dik tal-konvenuta, pero` taghmel sena ukoll. Kien fuq quddiem, ried jikser lejn ix-xellug u ta' ndikazzjoni. Il-konvenuta ma kellhiex tidhol tahtu.

Illi l-quantum tad-danni ma giex kontestat u qed jigi akkordat.

Jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u jikkundannaha thallas is-somma ta' seba mija tnejn u ghoxrin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm722.82) bl-ispejjes u nteressi kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------